MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2005

Numru 262/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**CLINT MICALLEF**

**Illum 24 ta' Mejju, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Clint Micallef ta' 28 sena, bin Martin u Nathalie nee Cachia, mwieled gewwa Pieta nhar is-07/03/1977, detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 157577M u residenti gewwa 51, Triq iz-Zerniq, Birkirkara, Swatar gie akkuzat talli;

Fil-11 ta' Marzu 2005, matul il-gurnata seraq minn gewwa SISA Supermarket, Triq Amery, Sliema, ammont ta' prodotti kosmetici li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira Maltin (LM 100) izda mhux izjed minn elf lira Maltin (LM 1000) u dan ghad-dannu tas-sidien tal-imsemmi hanut, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur u bil-persuna u dan ai termini ta' l-artikoli 261, 267 u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-imputat iddikjara li m'ghandux htiega ta' avukat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat bl-aktar mod car dwar id-dritt tieghu li jkun assistit minn avukat u meta staqsiet lill-imputat jekk jikkonfermax id-dikjarazzjoni tieghu li m'ghandux htiega ta' avukat, l-imputat rega' wiegeb li m'ghandux htiega ta' avukat.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok DZ3 u nnutat li l-imputat m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata.

Rat l-artikoli 261(c) u (d), 267, 268, 280 (1) u 281 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Clint Micallef, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Clint Micallef ghall-piena ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tliet (3) snin millum l-imputat Clint Micallef jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Clint Micallef l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------